**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 18 – Il-Ħamis 1 ta' Settembru 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fit-3:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Giuseppi Attard | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**3.0 Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġiet trattata l-applikazzjoni Job Plus mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill jista japplika biex jimpjega miegħu ħaddiem b'diżabilita' fuq bażi Part Time li tkun iffinanzjata kollha kemm hi mill-iskema. Il-Kunsill qabel li bħala sostituzzjoni tal-ħaddiem Paul Saliba għandu japplika għall-*handyman*.

3.2 Ġiet trattata l-ittra mingħand Transport Malta rigward talba li resqet Loreta Zerafa ta' 44, Triq Bengħazi biex issirilha *reserved parking space* għad-disabled quddiem ir-residenza tagħha. Is-Sindku rrefera għall-kwistjoni li nqalgħet f'dawn l-inħawi fejn kien hemm *reserved parking bay* li ma kinitx għadha tintuża mis-sid peress li ma għadhiex toqgħod hemm u bdiet tintuża minn idividwi oħra. Din ir-residenza issa qed tagħmel din it-talba għall-ħtiġijiet speċjali tagħha. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni.

3.3 Ġiet trattata t-talba mingħand R Vella Laurenti sabiex ikun jista jwaħħal *airconditioner unit* mar-residenza tieghu fi Triq Fawwara man-naħa tal-Playing Field. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja jekk hemmx units oħra nstallati ma' dik in-naħa u jara xl-aħjar li jsir.

3.4 Ġie trattat l-ilment dwar xi skart li hemm fi Triq il-Qigħan kantuniera ma Triq Mrejżbiet. Sar qbil li għandna nispezjonaw eżatt x'hemm u jsir infurzar biex jinbena ħajt.

3.5 Ġiet trattata t-talba li saret sabiex jiġi nstallat litterbin fi Triq Lourdes fejn hemm il-bankijiet . Sar qbil li għandu jiġi nstallat bin u nieħdu ħsieb it-tbattil regolari tiegħu. Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għall-ħtieġa li jigu trimjati s-siġar ta' quddiem dawn l-istess bankijiet.

3.6 Ġiet trattata t-talba sabiex issir Stop Sign fi Triq Ċens l-Għarus kantuniera ma Triq Santu Liju. Il-Viċi Sindku rrimarka li qed ikollna wisq dewmien biex jiġu approvati u jeħlu s-signs mitluba. Huwa saħaq li għandna nagħfsu aktar dwar dawn it-talbiet pendenti.

3.7 Ġiet trattata t-talba li ressaq is-Sur Ray Bondin sabiex jsiru Slow Signs mal-art u mal-arblu fi Triq ħdejn iċ-Ċimiterju.

3.8 Is-Sindku talab sabiex issir "Stop sign" mal-art fil-Gudja minflok dik li nżebħet bi żbal.

3.9 Ġiet trattata t-talba sabiex titwitta' xi ftit Triq Wied Martin peress li din it-Triq ġdida għada qatt ma saret. Sar qbil li għandha ssir talba lid-Direttur Proġetti u Żvilupp sabiex tal-anqas tingiref u tingħata kisja żrar.

3.10 Il-Kunsilier Larry Buttigieg irrimarka sabiex nistħarrġu fejn waslet it-talba sabiex isir sellum iehor fix-Xatt l-Aħmar.

3.11 Ġiet trattat l-ilment dwar skart f'garaxx miftuħ fi Triq l-Imġarr. Sar qbil li għandna niċċekjaw x'tip ta' skart hemm u naraw x'azzjoni tista tittieħed.

3.12 Is-Sindku rrefera għal każ li ġie kkuntatjat minn Probation Officer dwar il-possibilita' li l-Kunsill jiġi assenjat miegħu s-Sur Rodney Farrugia sabiex jagħmel 150 siegħa bħala xogħol fil-komunita'. Sar qbil li l-Kunsill għandu jaċċetta din it-talba u jassenjah fuq xogħol f'Ta' Passi u fil-bankijiet ta' Fuq il-Għajn fost l-oħrajn. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li Ta' Passi jinsab fi stat diżastruż speċjalment wara l-festa u għalhekk hemm ħafna xogħol ta' tiswija xi jsir fih.

3.13 Ġiet trattata t-talba li ressaq Teddie Portelli sabiex jinxtraw xi pots ta' xtieli għal Fuq il-Għajn tal-Hasselin Sar qbilli għandna nixtru tlett pots tawwalin tal-ġebel tal-franka biex ikunu jaqblu mal-ambjent.

3.14 Ġie trattat l-ilment dwar xi bankini fi Triq il-Mogħdija li huma mimlija bil-planti u qed jagħlqu l-aċċess fuq dawn l-istess bankini. Sar qbil li għandna nivverifikaw dan l-ilment u naraw x'jista jsir.

3.15 Is-Sindku rrefera għall-fatt li qed jintrema ħafna skart mill-gate tal-Mużew 'l ġewwa fi Triq il-Mogħdija u qed jagħti dehra kerha ħafna. Sar qbil li din il-gate tiġi miksija biex jinqata' dan l-abbuż.

3.16 Ġiet trattata t-talba minghand Ms Rapa sabiex titwaħħal barrier fit-triq li twassal għal Xatt Chambray fl-inħawi tax-Xatt l-Aħmar. Sar qbil li ghandna nikkuntatjaw lis-Sinjura Rapa biex naraw eżatt x'inhi titlob.

3.17 Reġgħet ġiet diskussa t-talba sabiex jitħarrek arblu tad-dawl fi Triq Merkanti peress li wara li nbena post spiċċa fin-nofs tat-triq. L-istima sabiex isir dan ix-xogħol tintela' għal madwar €985. Il-Kunsill qabel li l-arblu huwa ta' periklu u li x-xogħol jinħtieġ li jsir kemm jista jkun malajr.

3.18 Sar qbil li kemm jista jkun malajr jinżebgħu *fish-bone parking bays* fi Pjazza Madonna ta' Loretu ħdejn il-forn skond il-pjanta approvata.

3.19 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal-laqgħa tal-Kumitat Bethlehem f'Għajnsielem li nżammet nhar l-Erbgħa 3 t'Awwissu 2016. Huwa rrefera għal fatt li l-Ministeru għal Għawdex urew interess li jħallsu lil xi atturi li jkun jinħtieġ li jinkrew peress li ma jkunx hemm biżżejjed volontarjat. Huwa rrefera għall-fatt li għandu xi kuntatti ma' *re-enactment groups* li jistgħu joffru dan is-servizz anke permezz ta' żwiemel. Huwa semma' li bħala struttura tal-kmamar irridu prattikament nużaw dawk eżistenti u jiġu rranġati. Huwa semma' li kemm il-Ministeru għal Għawdex kif ukoll il-Kumitat Milied f'Għawdex qed juru nteress kbir dwar għajnuna biex din l-attivita' tkompli tkun ta' aktar suċċess.

## 4.0 Wara Festa 2016

4.1 Is-Sindku rrefera għall-Festa 2016 bħala waħda b'suċċess u mingħajr l-ebda inċident. L-unika problema li kien hemm li nħoloq volum kbir tat-traffiku fit-toroq li jdawwru lil Għajnsielem speċjalment fi Triq l-Imġarr minħabba l-kju kbir għal-vapur. Saret diskussjoni dwar il-possibilita' li għal sena oħra t-tiġrija taż-żwiemel tiġi organizzata s-Sibt minflok il-Hadd sabiex jiġu evitati dawn il-problemi.

4.2 Saret referenza għall-grupp ta' Tolfa li ġew fostna għall-festa. Dawn ġew milqugħa tajjeb ħafna u kellhom ħafna kliem ta' tifħir għaż-żjara tagħhom.

4.3 Rigward iż-żjara li għamel il-grupp t'Għajnsielem f'Tolfarte kienet suċċess ukoll. Il-Kunsill esprima x-xewqa li ż-żgħażagħ tagħna jintegraw aktar u jkunu aktar grati lejn min jospitahom.

4.4 Is-Sindku rrefera għas-suċċess ta' Għajnsielemfest 2016 u li bħala serati kienu ta' suċċess kbir speċjalment l-ewwel serata dik ta' D Capitals. Is-serata tat-talent lokali kienet tajba ħafna iżda nserta ħażin li nsertat fl-istess ġurnata tal-prefeast party u għalhekk setgħa kien hemm attendenza ferm akbar. Il-Kunsill qabel li bħala post tal-attivita', dik tal-Pjazza tad-Dehra ntlaqgħa tajjeb ħafna u huwa mportanti li għal sena oħra nassiguraw li jkun hemm bar miftuħ għall-pubbliku kif ukoll is-servizz ta' mobile toilets.

4.5 Is-Sindku rrefera għall-festa ta' Kemuna u għall-argument li nqala peress li l-għaqdiet kienu mwegħdin li ser ikunu huma biss li jarmaw bl-ikel u mbagħad sabu lill-organizzatur tal-festa li rema' bl-ikel huwa wkoll. Is-Sindku semma' li huwa dejjem ftiehem mal-organizzatur li l-għaqdiet tal-lokal jiftħu stand tal-ikel u hu jkollu l-bar. Huwa semma' li ddispjacih ħafna li dan il-ftehim ma ġiex onorat u li nqala' dan l-argument. Il-Viċi Sindku semma' li ħassu offiż li l-organizzatur ħalla lill-għaqda tan-nar imorru armati bl-ikel għall-bejgħ imbagħad rema' hu stess. Il-kunsillier Larry Buttigieg semma' kif bħala Kunsill nikkontribwixxu tajjeb ħafna f'din il-festa billi nipprovdu s-servizz tal-banda u anke għajnuna minn qabel permezz tal-ħaddiema tagħna. Għalhekk huwa semma' li jkunu xieraq li nitkellmu miegħu bħala Kunsill biex l-affarijiet ikunu ċari għal kulħadd għax taċ-ċajt li l-għaqdiet ħasbu għall-ikel u mbagħad kellhom jirritornaw lura lejn Għawdex bih. Il-Kunsill ikkummenta li l-attendenza għal festa ta' Kemuna ta' din is-sena kienet anqas minn tas-sena l-oħra u saret referenza għall-fatt li l-prezzijiet tat-trips tad-dgħajjes kienu għoljin wisq. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-organizzatur tal-festa, Silvio Buttigieg u mal-Kumitat tan-Nar dwar dan l-inċident.

## 5.0 Vakanza ta' mpjegat/a fl-Uffiċju tal-Kunsill

5.1 Is-Segretarja spjegat kif l-Assistant Principal tal-Kunsill Sarah Formosa ġiet maħtura bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali San Lawrenz. Il-Kunsill Għajnsielem feraħ lis-Sinjura Formosa għal din il-ħatra u sar qbil li għandha tintbagħtilha ittra ta' ringrazzjament u tingħatalha tifkira.

5.2 F'dan l-istadju l-Kunsill ser ikollu vakanza ta' Assistant Principal. Il-Kunsill għalhekk qabel li għandu joħrog sejħa għal dan il-post internament fl-uffiċju tiegħu ta' Assistant Principal (Scale 11). Kemm il-darba din timtela mill-Executive Officer tal-Kunsill, għandha tinhareg sejha ghal Executive Officer (Scale 13) fuq bażi full-time. Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li s-Sinjura Sarah Formosa kienet fuq back-to-back basis u għalhekk l-impjegat li jiġi ġdid ikun fuq bażi back-to-back ukoll. F'dan l-istadju l-Kunsill ħass li ma jkunx xieraq li min jiġi ġdid ma jkunx tal-fis u għalhekk inħasset il-ħtieġa li titressaq talba lill-Ministru tal-Kunsilli Lokali biex il-Kunsill t'Għajnsielem ikun allokat għat-tielet impjegat biex jibqa riservat post.

## 6.0 Tkomplija tal-Proġett tal-Frame

6.1 Is-Sindku rrefera għal dan il-proġett u li jixtieq jara l-għeluq tiegħu kemm jista jkun malajr. Kullma jonqos huwa l-pavimentar tal-passaġġ u xi bankijiet. Bħala xogħol tal-pavimentar sar qbil li għandna noħorġu stima għall-materjal biss u oħra bix-xogħol u l-materjal. Sar qbil li bħala materjal jintuża porfido irqiq.

## 7.0 Pjazza Tolfa

7.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li Pjazza Tolfa spiċċat bla dawl u bla ilma u għalhekk f'dan l-istadju hu ta' min jagħmel upgrading tagħha. Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi propona li nqabbdu lil Paul Stellini biex jagħmel disinn hu peress midħla sew ta' Tolfa. Is-Sindku propona li l-aħjar mod li ssir hu li tiftaħ din l-idea billi tinħareġ kompetizzjoni għall-aħjar disin u bħala Premju jingħata vjaġġ għal Tolfa għal żewġ persuni u b'hekk ikun jista jipparteċipa min irid.

## 8.0 Belvedere

8.1 Is-Sindku semma' li l-Perit Shawn Micallef qed jipprepara xi pjan sabiex il-Belvedere ta' ħdejn l-ex Mgarr Hotel jitranġa.

## 9.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti

9.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati għall-ħlas.

## 10.0 Materji oħra

10.1 Il-Kunsillier Larry Buttigieg issuġġerixxa sabiex tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lid-Dipartiment tas-CMU għall-għajnuna tiegħu fil-proġett ta' Garden Street.

10.2 Il-Kunsilliera Karen Xuereb rreferiet għall-applikazzjoni ta' reserved parking tad-disabled li talab is-Sur Joe Zammit ta' Triq iz-Zewwieqa biex tara f'hiex waslet. Sar qbil li ser niċċekjaw dwarha.

10.3 Is-Sindku propona li nitolbu lid-Direttur Mark Formosa jekk humiex lesti li jipprovdulna l-materjal u nirranġaw it-traffic island ta' Triq Borg Għarib bil-ħaddiema tagħna bħalna sar f'Garden Street. Il-Kunsill qabel ma' dan.

10.4 Is-Sindku rrefera għall-artiklu li deher fil-ġurnal "Illum" fejn issemma' Għajnsielem u l-festa tiegħu b'konnessjoni mas-sejba tad-drogi u akkużat minn Għajnsielem u fejn issemma' wkoll il-fatt li din il-qabda droga, parti minnha kienet intenzjonata għall-marċ magħruf bħala tal-Balzunetta f'Għajnsielem. Il-Kunsillier Peter Caruana rrimarka li l-artiklu mhemmx min kitbu u li jindika li minn sorsi tal-pulizija, allura dan il-każ għandu jitħalla f'idejn il-pulizija għal

Sindku semma' li l-artiklu kien inġust ma' Għajnsielem meta proprju joħroġ f'jum il-festa fejn qed iżżeblaħ isem ta' festa minħabba persuna waħda. Sar qbil li għandha ssir stqarrija konġunta bejn l-għaqdiet kollha u Kunsill. Il-Kunsillier Larry Buttigieg enfasizza li l-organizzaturi tal-festa hija l-parroċċa u għalhekk huma għandhom jieħdu l-inizjattiva bil-backing tal-Kunsill u l-Għaqdiet l-oħra. Il-kunsillier Peter Caruana saħaq li stqarrija bħal din għandu joħroġha l-organizzatur tal-festa li hi l-parroċċa. Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi propona li għandna nieħdu parir ta' avukat u li jekk kull għaqda taqbel ma jsibx oġġezzjoni għaliex il-Kunsill ma għandux jifforma parti minn din l-istqarrija. Sar qbil li għandna naraw jekk l-Arcipriet jaqbilx li l-għaqdiet tiegħu ikun parti minn din l-istqarrija, jlaqqa' l-Kunsill Parrokjali, flimkien mal-Għaqdiet kollha nkluz il-Kunsill u l-avukat u nimxu minn hemm.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgha 28 ta' Settembru fl-4:30 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**